# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħmistax (15) ta' Diċembru 2022**

**Rikors Numru 602/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Bank of Valletta plc (C 2833)**

**Vs**

**Ship Shape Company Limited (C 23096)**
**Dr. Anthony Philip Farrugia (K.I. 468259M)**
**Maryanne Farrugia (K.I. 209562M)**
**Dr Mark A Mifsud Cutajar u l-PL Hilda Ellul Mercer appuntati fit-3 ta' Marzu 2021 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lis-soċjeta' Allegro Andante Limited (C 24105)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors tas-soċjeta' rikorrenti datat 21 ta' Lulju 2020, li permezz tiegħu talbet is-segwenti:

*Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Henri Vassallo (Dok "A"), l-intimati iddikjaraw ruħhom veru, ċerti u likwidi debituri tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tmienja u sittin elf, mija u sitta u għoxrin Lira Maltija u seba' ċenteżmi (Lm 68,126.07c) ekwivalenti għas-somma ta' mija u tmienja u ħamsin elf, sitt mija u disgħin Ewro u tmienja u tmenin Ewro (€158,690.88) flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv.*

*Illi, d-debitu tal-intimati mas-soċjeta' rikorrenti illum jammonta għas-somma ta' sitta u tmenin elf, erba' mija u disgħa u sebgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€86,479.50), (Dok. "B1" sa "B2"), kwantu għal tnejn u erbgħin elf, mitejn*

*u wieħed u disgħin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€42,291.95) sorte u kwantu għall-erbgħa u erbgħin elf, mija u sebgħa u tmenin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€44,187.55) imgħax legali sal-5 ta' Ġunju 2020, flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħax ulterjuri mis-6 ta' Ġunju 2020 sal-jum tal-pagament effettiv;*

*Illi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jiġi eżegwit u d-debitu tal-intimati għadu ma tħallasx u għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.*

*Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Jogħġobha Tawtorizzaha teżegwixxi l-kuntratt datat 16 ta' Mejju 2007 in atti Nutar Dottor Henri Vassallo Trapani (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija, bl-ispejjeż kontra l-istess intimati.*

2. Rat illi fl-4 ta' Mejju 2021 l-intimati Ship Shape Compnay Limited u l-intimati Farrugia irrispondew għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

   *1. Illi t-talba rikorrenti għandha tiġi miċħuda in kwantu fir-rigward tal-imgħaxijiet mitluba fejn dawn huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(d) tal-Kodiċi Ċivili.*

   *2. Illi mingħajr preġudizzju huwa applikabbli fil-konfront tal-imgħaxijiet li talvolta huma dekoribbli fil-konfront tal-kapital indikat bħala dovut mill-intimat id-divjet ultra duplum.*

3. Rat illi fil-25 ta' Mejju 2021, il-Kuraturi Deputati Dr Mark Mifsud Cutajar u l-PL Hilda Ellul Mercer ippreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom fejn qalu:

   *Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qed jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.*

**Provi:**

4. Semgħet ix-xhieda ta' **Tony Xuereb**, Manager fi ħdan id-Debt Management Department fil-Bank rikorrenti, mogħtija fis-17 ta' Novembru 2021 (fol 45).

5. Rat in-nota tas-soċjeta' Bank of Valletta p.l.c. ippreżentata fit-3 ta' Frar 2022 li permezz tagħha eżebiet kopja ta' sentenza tal-Qorti, Rikors Ġuramentat Nru 921/2012 fl-istess ismijiet tal-kawża odjerna, deċiża fl-4 ta' Lulju 2013, fejn il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 16 ta' Mejju 2007 ġie reż eżegwibbli (fol 49), kif ukoll Iskrizzjonijiet Ipotekarji illi saru sussegwentement (fol 54 sa 58).

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr. Anthony Farrugia**, prodott mill-bank rikorrenti, mogħtija fit-3 ta' Frar 2022 (fol 58).

7. Rat illi fit-3 ta' Frar 2022, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

8. Semgħet ix-xhieda ta' Dr. Anthony Farrugia mogħtija fil-5 ta' Mejju 2022 (fol 62).

9. Rat li fis-6 ta' Lulju 2022, l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi, u għalhekk il-każ tħalla għas-sottomissjonijiet finali.

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank rikorrent bil-miktub ippreżentata fit-13 ta' Lulju 2022 (fol 64).

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Dr. Anthony Philip Farrugia u Mary Anne Farrugia ippreżentata bil-miktub fit-28 ta' Ottubru 2022 (fol 76).

12. Rat illi fit-8 ta' Novembru 2022 il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

13. Jirriżulta li permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo datat 16 ta' Mejju 2007 eżebit Dok A (fol 3), l-intimati iddikjaraw ruħhom debituri tal-Bank rikorrent fl-ammont ta' LM 68,126.07 ekwivalenti għal €158,690.88, oltre` l-imgħaxijiet.

14. Jirriżulta illi tali kuntratt ġia ġie reż eżegwibbli permezz ta' sentenza tal-Qorti datata 4 ta' Lulju 2013.

15. Jirriżulta wkoll li d-debitu mal-Bank attur illum jammonta għas-somma ta' €86,479.50, Dok B1 u B2 u € 42,291.95 imgħax legali sal-5 ta' Ġunju 2020 bl-ispejjeż u bl-imgħax mis-6 ta' Ġunju 2020.

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

16. Permezz tal-każ odjern, il-Bank rikorrenti qed jitlob l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex tgħaddi għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt tas-16 ta' Mejju 2007, (fol 3), ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap 12, u dan għaliex għaddew aktar minn ħames snin minn meta l-imsemmi kuntratt seta' jiġi eżegwit u d-debitu tal-intimati għadu ma tħallasx.

17. Minn naħa l-oħra, l-intimati eċċepew li t-talbiet tal-Bank rikorrent għandhom jiġu miċħuda u fir-rigward tal-imgħaxijiet, dawn huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(d) tal-Kodiċi Ċivili. Di piu`, ġie eċċepit li fir-rigward tal-imgħaxijiet huma dekoribbli fil-konfront tal-kapital indikat bħala dovut mill-intimati id-divjet *ultra duplum*.

18. Jibda biex jingħad, li fil-każ in eżami, il-kuntratt tas-16 ta' Mejju 2007 kien ġia reż eżegwibbli permezz ta' sentenza tal-4 ta' Lulju 2013 Bank of Valletta vs Shipshape Company Limited, u dan a tenur tal-artikolu 253(b) tal-Kodiċi Ċivili, liema kopja ta' sentenza tinsab eżebita a fol 51 *et sequitur* tal-proċess.

19. Jirriżulta, mix-xhieda ta' Tony Xuereb, rappreżentant tal-Bank rikorrenti, mogħtija fis-17 ta' Novembru 2021, illi filwaqt li fit-18 ta' Mejju 2007, ftit wara li sar il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, tħallset is-somma ta' ħamsin elf liri Maltin (Lm50,000) mill-import kollu ta' Lm68,126.07, minn dakinhar 'il quddiem, ma sar ebda pagament ieħor, u għahlekk kellha ssir it-talba odjerna.

20. Il-Bank rikorrent fis-sottomissjonijiet tiegħu sostna li fil-każ in diżamina, hemm biss żewġ rekwiżiti li riedu jiġu sodisfatti; li a) jeżisti titolu eżekuttiv validu u li b) l-ammont kanonizzat bit-titolu eżekuttiv jew parti minnu għadu dovut.

21. Il-Qorti, hawnhekk, tibda biex tosserva, li f'dan il-kuntest, huma relevanti l-artikoli tal-liġi segwenti:

    L-artikolu 253 jipprovdi li:

    *Huma titoli eżekuttivi:*

    *"(b) il-kuntratti riċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'eżekuzzjoni ta' fatt."*

    L-Artikolu 258(c) tal-Kap 12 jistipula:

    *"(c) l-għeluq ta' ħames snin minn dakinhar li fih skont il-liġi it-titolu eżekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikoli 166A seta' ġie segwit."*

22. Minn eżami tal-kuntratt indikat fir-rikors promotur, datat 16 ta' Mejju 2007 fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo, eżebit bħala Dok A, fol 3, jidher evidentement, li huwa kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.

23. Jiġi osservat illi l-kawża odjerna hija UNIKAMENT waħda sabiex l-effetti ta' Kuntratt Pubbliku ta' Kostituzzjoni ta' debitu tiġi eżegwita wara t-trapass ta' ħames snin, u dan abbażi tal-artikolu 258 (c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

24. Fil-fatt, il-proċeduri odjerni huma intiżi unikament sabiex jestendu l-perjodu stabbilit mil-liġi ta' ħames snin għall-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv.

25. Dan huwa prinċipju ormai stabbilit fil-ġursprudenza. Fil-każ **HSBC Malta plc vs Raymond Sammut** deċiża fl-14 ta' Diċembru 2011, ingħad:

    *Mill-ġurisprudenza nostrali in effetti jirriżulta li f'kawża ta' din ix-xorta ir-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni biex jeżegwixxi titolu eżekuttiv ġja kanonizzat b'sentenza preċedenti.*

    *L-unika konsiderazzjoni li għandha tagħti l-Qorti fi proċedura bħal din hija biss dwar l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv. Trid taċċerta ruħha dwar l-eżistenza tat-titolu eżekuttiv li għadda t-terminu prefiss mil-liġi minn meta dak it-titolu seta' jiġi eżegwit kontra debitur intimat, li x-xorta tad-dejn u l-fatt li l-istess għadu pendenti jiġu kkonfermati bil-ġurament mill-kreditur jew rappreżentant tiegħu u li tordna l-eżekuzzjoni tat-titolu biss għall-ammont kanonizzat li jkun għadu ma tħallasx.*

26. Fil-każ in eżami, jiġi osservat ukoll, li ma hemm ebda dubju li l-kuntratt tas-16 ta' Mejju 2007 u l-obbligi hemm indikati jistgħu jiġu eżegwiti fil-perjodu ta' ħames snin stabbiliti mil-Liġi.

27. Kif intqal fil-kawża **Bank of Valletta p.l.c vs Emanuel Portelli et** deċiża fit-28 a' Ġunju 2019:

> *"…… il-kompitu tal-Qorti f'kawża tax-xorta bħal ma hi dik tal-lum huwa biss li tawtorizza t-tmexxija għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekutttiv u mhux biex tidħol fl-evalwazzjoni tal-kalkoli speċifiċi dwar l-ammonti dovuti inkluż (sottolinear ta' din il-Qorti) u l-konteġġi kif saru mill-Bank attur jew dwar aspetti oħra tal-istess kuntratt inkluż il-fatt li hemm ipoteki adekwati mogħtija mill-konvneuti lill-Bank attur fir-rigward tad-dejn kostitwit. Infatti, għal dawk l-aspetti il-leġislatur ipprova permezz tal-artikolu 281(1) tal-Kap 12, li jipprovdi:*
>
> *(1) Mingħajr preġdizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-Qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."*
>
> *Għalhekk una volta li l-konvenuti odjerni jiġu rinfaċċjati bl-eżekuzzjoni tal-kuntratt in kwistjoni, jekk jidhrilhom li għandhom jattakkaw il-kuntratt in kwistjoni tal-1 ta' Frar 1999 jew parti minnu, jew l-eżekuzzjoni tiegħu, huma għandhom jagħmlu dan permezz ta' proċeduri appożiti skont il-liġi."*

28. Il-Qorti tosserva wkoll illi fil-kawża **Bank of Valletta p.lc. vs Heritage Estates Limited** deċiża fit-30 ta' Mejju 2016, dwar kawża oħra tal-istess natura, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid:

> *"Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet John Portelli noe vs Henry Azzopardi pro et noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1997 li rigward in-natura tal-proċedura de quo irrilevat li fil-kawża ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunux qed jitolbu kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni biex jesegwixxi titolu eżekuttiv ġia anonizzat bis-sentenza preċedenti. Minn dan isegwi li kif kienet qalet il-Qorti tal-Appell Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet Emmanuel Falzon pro et noe vs Joseph Vella et deċiża fil-5 ta' Ottubru 1988, kieku l-Qorti kellha taċċetta l-prinċipju li l-intimat jitħalla jqajjem eċċezzjonijiet fil-mertu tkun qiegħda tiftaħ il-bieb għall-abbużi fis-sens li l-intimat jingħata l-opportunita` li jtawwal il-proċeduri kontrih."*

29. Għaldaqstant, jiġi puntwalizzat, li din il-Qorti ftit li xejn fadlilha xi żżid mal-kliem suċitati kif fuq redatti u tagħmilha ċara illi bil-preżenti deċiżjoni, kull ma hija ser tagħmel huwa illi tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' Titolu Eżekuttiv ossija l-kuntratt datat 16 ta' Mejju 2007, eżebit bħala Dok A fol 3 u mhux tawtorizza l-ħruġ ta' Att Eżekuttiv li, minn natura tiegħu, jippermetti l-kontestazzjoni tiegħu bi proċeduri *ad hoc*.

30. Referibbilment għal dak eċċepit mill-intimati, dwar l-artikolu 2156(d), l-intimati sostnew li in kwantu rigward l-imgħaxijiet mitluba, dawn huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2156(d). Ġie sostnut ukoll, li r-rikjesta tal-imgħaxijiet fir-rikors promotur tinfrinġi l-prinċipju ta' *ultra duplum*.

31. Din il-Qorti tippuntwalizza, li Anthony Farrugia fix-xhieda tiegħu datata 3 ta' Frar 2022 a fol 58 tal-proċess, irrikonoxxa d-dejn mal-Bank of Valletta plc u anke kkonferma li saru xi pagamenti. Inoltre`, jiġi ippreċiżat ukoll, li, kif ġia osservat, dan huwa każ għal eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv abbażi ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, u hawnhekk ċertament, il-każ odjern ma jitrattax azzjoni biex jiġi ikkanonizzat dejn, kif stipulat fl-artikolu 2156(d). Dan qed jingħad għaliex kif tajjeb sottomess mill-Bank rikorrent fis-sottomissjonijiet, l-Artikolu 2156(d) japplika biss għal "*azzjonijiet għal ħlas ta' imgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u in ġenerali ta' dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena*."

32. Fid-dawl tas-suespost, l-eċċezzjonijiet tal-intimati dwar l-imgħax u l-preskrizzjoni ma jreġġux. Lanqas ma treġġi t-tieni eċċezzjoni li r-rikjesta tal-imgħax fir-rikors odjern tinfrinġi il-prinċipju ta' *ultra duplum*.

33. Għaldaqstant, din il-Qorti qed tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-intimati u ser tilqa' t-talba tal-Bank rikorrent.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ippreżentati quddiemha;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u a tenur tal-Artikolu 258 (c) tal-Kap 12, tawtorizza l-eżekuzzjoni tal-kuntratt datat 16 ta' Mejju 2007 magħmul in atti tan-Nutar Henri Vassallo kif fuq deskritt.

**L-ispejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku tal-intimati.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur